

## REGOLAMENT (UE) 2020/560 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-23 ta' April 2020

**li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 508/2014 u (UE) Nru 1379/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ntlaqat partikularment ħażin mit-tfixkil fis-suq li nqala' minħabba t-tnaqqis sinifikanti li kien hemm fid-domanda minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19. L-għeluq tal-postijiet tal-bejgħ, tas-swieq, tal-ħwienet u tal-mezzi ta' distribuzzjoni wassal għal tnaqqis sostanzjali fil-prezzijiet u fil-volumi. It-tnaqqis fid-domanda u fil-prezzijiet, flimkien mal-vulnerabbiltà tal-katina tal-provvista u mal-kumplessità tagħha, wassal biex l-attivitajiet tal-flotot tas-sajd u tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar jagħmlu t-telf. B'hekk, is-sajjieda ġew obbligati li jibqgħu fil-portijiet u dawk li jrabbru l-ħut se jkollhom jarmu l-prodotti tagħhom jew jeqirduhom fi żmien ftit ġimgħat.
- (2) Jenħtieġ li l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), li ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, ikun jista' jappoġġa miżuri speċifiċi sal-31 ta' Diċembru 2020 biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jkunu jinkludu l-għoti ta' appoġġ għall-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd, fosthom tas-sajd filmijiet interni u ta' sajjieda li jistadu bil-wieqfa, u għal ċertu telf ekonomiku għal produtturi fl-akkwakultura u intrapriżi ta' pproċessar u fir-reġjuni ultraperiferiċi, sakemm dawn iseħħu minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jkunu jinkludu wkoll l-għoti ta' kapital operatorju lil produtturi fl-akkwakultura u intrapriżi ta' pproċessar u appoġġ lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet għall-ħżin tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura skont ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>. Jenħtieġ li n-nefqa għall-attivitajiet appoġġati fil-kuntest ta' dawk il-miżuri tkun eliġibbli mill-1 ta' Frar 2020.
- (3) Jenħtieġ li r-riżorsi li huma disponibbli għall-impenni min-naħa tal-FEMS taħt ġestjoni kondiviża jinqasmod b'tali mod li jiżgura li jkunu stabbiliti ammonti fissi għall-kontroll tas-sajd u għall-ġbir ta' *data* xjentifika, filwaqt li jkun permess li 10 % ta' dawk l-ammonti jintużaw għal miżuri relatati mal-mitigazzjoni tat-tifqigħa ta' COVID-19, u għall-kumpens għal spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi. Jenħtieġ li r-riżorsi l-oħrajn taħt ġestjoni kondiviża jiġu allokati mill-Istati Membri skont il-ħtiġijiet tagħhom.
- (4) Minħabba l-konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti tat-tifqigħa ta' COVID-19 u l-bżonn ta' likwidità fl-ekonomija, jenħtieġ li l-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19 ikun jista' jiġi appoġġat b'rata massima ta' 75 % tan-nefqa pubblika eliġibbli.

<sup>(1)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2020 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2020.

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

<sup>(3)</sup> Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1).

- (5) Minħabba l-ħtieġa ta' flessibbiltà fl-allokkazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi finanzjarji biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19, jenħtieġ li ma jkunx hemm impost limitu massimu finanzjarju fuq il-forniment ta' appoġġ li jingħata għall-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd minħabba dik it-tifqigħa. Jenħtieġ li dan ikun mingħajr preġudizzju għal-limitu massimu finanzjarju eżistenti impost għall-każijiet l-oħrajn ta' waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd. Jenħtieġ li jkompli japplika l-obbligu li l-appoġġ li jingħata għall-waqfien temporanju jitnaqqas mill-appoġġ li jingħata għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd għall-istess bastiment. Għal miżuri relatati mal-mitigazzjoni tat-tifqigħa ta' COVID-19, jenħtieġ li r-reqwizit tal-attività għal 120 jum jitnaqqas b'mod proporzjonali għal sidien ta' bastimenti reġistrati għal inqas minn sentejn u għal sajjieda li bdew jaħdmu inqas minn sentejn qabel l-applikazzjoni għal appoġġ.
- (6) Minħabba l-urġenza li jingħata l-appoġġ meħtieġ, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ssimplifikata jkun jista' jiġi estiż biex ikun jinkludi l-emendi fil-programmi operazzjonali marbutin mal-miżuri speċifiċi u l-allokkazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi finanzjarji allokat għalihom biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19. Jenħtieġ li dik il-proċedura ssimplifikata tkun tkopri l-emendi kollha meħtieġa biex jiġu implimentati bis-sħiħ il-miżuri kkonċernati, fosthom l-introduzzjoni tagħhom u d-deskrizzjoni tal-metodi biex jiġi kkalkulat l-appoġġ.
- (7) Minħabba r-rwol ewlieni li għandhom l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fil-ġestjoni tal-kriżi, jenħtieġ li l-limitu massimu għall-appoġġ għall-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni jiżdied għal 12 % tal-valur annwali medju tal-produzzjoni li titqiegħed fis-suq. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu pagamenti bil-quddiem sa 100 % tal-appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi għal dak l-appoġġ.
- (8) Minħabba t-tfixkil għall-għarrieda fl-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura li kien hemm minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19, u r-riskju li ġej minnu ta' theddid għas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, huwa xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-ħżin tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura maħsubin għall-konsum mill-bniedem. Dan se jkollu l-għan li jżid l-istabbiltà fis-suq, li jtaffi r-riskju li t-tali prodotti jintremew jew jintużaw għal għanijiet oħrajn minflok bħala ikel għall-bnedmin, u li jikkontribwixxi biex jitnaqqas l-impatt tal-kriżi fuq il-qligħ minn fuq dawn il-prodotti. Jenħtieġ li dak il-mekkaniżmu jkun jippermetti lill-produtturi fil-qasam tas-sajd u tal-akkwakultura jużaw l-istess tekniki ta' preservazzjoni jew ta' konservazzjoni għal speċijiet simili biex ikun żgurat li tinżamm il-kompetizzjoni ġusta bejn il-produtturi.
- (9) Minħabba li d-domanda għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura naqset ħafna għall-għarrieda minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19, jenħtieġ li l-kwantitajiet eliġibbli għall-għajnuna għall-ħżin ikunu jistgħu jiżdiedu għal 25 % tal-kwantitajiet annwali tal-prodotti kkonċernati li jitqiegħdu għall-bejgħ mill-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata.
- (10) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreaġixxu mill-ewwel għat-tifqigħa għall-għarrieda u mhux prevedibbli tal-COVID-19, jenħtieġ li jkollhom id-dritt jistabbilixxu prezzijiet skattaturi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi tagħhom biex jiskattaw il-mekkaniżmu tal-ħżin. Jenħtieġ li dawk il-prezzijiet skattaturi jiġu stabbiliti b'tali mod li tinżamm il-kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi.
- (11) L-appoġġ mill-FEMS jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għal miżuri biex jikkompensaw għat-telf ekonomiku li jirriżulta mit-tifqigħa ta' COVID-19 għal operaturi fis-sajd, il-farming, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari dak li jirriżulta mid-deterjorament fil-prezz tal-ħut jew minn żieda fl-ispejjeż ta' ħżin. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova, mingħajr dewmien, tali miżuri proposti mill-Istati Membri.
- (12) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri biex jittaffa l-impatt soċjali u ekonomiku tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, ma jstax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.
- (13) Minħabba l-urġenza li jingħata l-appoġġ meħtieġ, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

- (14) Fid-dawl tat-tifqigħa ta' COVID-19 u l-urġenza biex jiġi indirizzat l-impatt soċjali u ekonomiku tagħha fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, tqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (15) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 508/2014 u (UE) Nru 1379/2013 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### Emendi fir-Regolament (UE) Nru 508/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 13

#### Riżorsi baġitarji taħt ġestjoni kondiviża

1. Ir-riżorsi disponibbli għall-impenji min-naħa tal-FEMS għall-perjodu mill-2014 sal-2020 taħt ġestjoni kondiviża għandhom ikunu ta' EUR 5 749 331 600 fi prezzijiet kurrenti, skont it-tqassim annwali stabbilit fl-Anness II.
  2. EUR 580 000 000 mir-riżorsi baġitarji msemmin fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati għall-miżuri ta' kontroll u ta' infurzar imsemmin fil-Artikolu 76.
  3. EUR 520 000 000 mir-riżorsi baġitarji msemmin fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati għall-miżuri dwar il-ġbir ta' *data* msemmin fil-Artikolu 77.
  4. EUR 192 500 000 mir-riżorsi baġitarji msemmin fil-paragrafu 1 għandhom jiġu allokati għall-kumpens tar-reġjuni ultraperiferiċi taħt il-Kapitolu V tat-Titolu V. Ta' kull sena, dak il-kumpens ma għandux jaqbeż l-ammonti li ġejjin:
    - (a) EUR 6 450 000 għall-Azores u l-Madeira;
    - (b) EUR 8 700 000 għall-Gżejjer Kanarji;
    - (c) EUR 12 350 000 għar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi msemmin fil-Artikolu 349 TFUE.
  5. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jużaw b'mod interkambjabbli r-riżorsi disponibbli taħt il-paragrafi 2 u 3.
  6. 10 % tar-riżorsi baġitarji msemmin fil-paragrafi 2 u 3 jistgħu jiġu allokati għal miżuri relatati mal-mitigazzjoni tat-tifqigħa ta' COVID-19.”;
- (2) fl-Artikolu 16(1), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
- “1. Ir-riżorsi disponibbli għall-impenji min-naħa tal-Istati Membri, imsemmin fil-Artikolu 13(1) għall-perjodu mill-2014 sal-2020, kif stabbilit fit-tabella mogħtija fl-Anness II, għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-kriterji oġġettivi li ġejjin.”;
- (3) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:
- (a) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt li ġej:

“(e) emendi fil-programmi operazzjonali dwar l-appoġġ imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 33(1), fl-Artikolu 35, fl-Artikolu 44(4a), fil-punt (b) tal-Artikolu 55(1), fl-Artikoli 57, 66 u 67 u fl-Artikolu 69(3), fosthom l-allokazzjoni mill-ġdid lilhom ta' riżorsi finanzjarji biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19.”;
  - (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-appoġġ imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 33(1), fl-Artikolu 34 u fl-Artikolu 41(2).”;

- (4) fl-Artikolu 25(3), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mill-FEMS għall-miżuri msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 33(1) u fl-Artikolu 34 u għas-sostituzzjoni jew għall-modernizzazzjoni tal-magni prinċipali jew anċillari kif imsemmijin fl-Artikolu 41 ma għandhiex taqbeż l-ogħla limitu mit-tnejn li ġejjin:”;

- (5) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Il-FEMS jista' jappoġġa miżuri għall-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd fil-każijiet li ġejjin:

(a) fil-każ tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Kummissjoni jew tal-miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri msemmijin fl-Artikoli 12 u 13, rispettivament, tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew tal-miżuri ta' konservazzjoni msemmijin fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament, fosthom l-istaġuni magħluqin;

(b) f'każ li ma jiġġeddux il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jew il-protokollu tagħhom;

(c) f'każ li l-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd ikun previst fi pjan ta' ġestjoni adottat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 (\*) jew fi pjan pluriennali adottat taħt l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fejn, abbażi tal-parir xjentifiku, ikun hemm bżonn tnaqqis fl-isforz tas-sajd biex jinkisbu l-oġettivi msemmijin fl-Artikolu 2(2) u fil-punt (a) tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) fejn il-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd iseħħ bejn l-1 ta' Frar u l-31 ta' Diċembru 2020 minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19, fosthom fil-każ ta' bastimenti li joperaw taħt ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli.

Fkonformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 65(9) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u b'deroga mill-ewwel subparagrafu tiegħu, l-infiq għall-operazzjonijiet li jingħataw appoġġ taħt il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun eliġibbli mill-1 ta' Frar 2020.

2. L-appoġġ imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 jista' jingħata għal perjodu massimu ta' sitt xhur għal kull bastiment fil-perjodu mill-2014 sal-2020. Dak it-tul ta' żmien massimu ma għandux japplika għall-appoġġ imsemmi fil-punt (d) ta' dak is-subparagrafu.

(\*) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11);

- (b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Għall-fini tal-punt (d) tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw id-derogi li ġejjin:

(a) b'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 3, fejn bastiment tas-sajd ikun ilu li ġie rreġistrat fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni inqas minn sentejn fid-data meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal appoġġ, l-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw il-jiem minimi ta' attivitajiet tas-sajd meħtieġa għal dak il-bastiment bħala l-proporzjon ta' 120 jum fl-aħħar sentejn kalendarji;

(b) b'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 3, fejn sajjied ikun ilu li beda jaħdem abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni inqas minn sentejn qabel id-data meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal appoġġ, l-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw il-jiem minimi ta' ħidma meħtieġa għal dak is-sajjied bħala l-proporzjon ta' 120 jum fl-aħħar sentejn kalendarji.

(c) b'deroga mill-paragrafu 3, l-appoġġ għandu jingħata wkoll lis-sajjieda li jistadu bil-wieqfa li jkunu ħadmu mill-inqas 120 jum matul l-aħħar sentejn kalendarji qabel id-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal appoġġ. Fejn sajjied li jistad bil-wieqfa jkun ilu li beda jaħdem inqas minn sentejn qabel id-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal appoġġ, l-Istati Membri jistgħu jikkalkulaw il-jiem minimi ta' ħidma meħtieġa għal dak is-sajjied li jistad bil-wieqfa bħala l-proporzjon ta' 120 jum fl-aħħar sentejn kalendarji.”;

- (6) l-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

- (a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. Il-FEMS jista' jappoġġa miżuri għall-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19, kif previst fil-punt (d) tal-Artikolu 33(1), taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33.”;

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 4a:

(a) ir-referenzi magħmula fl-Artikoli 30, 32, 33, 38, 39, 41 u 42 għall-bastimenti tas-sajd għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-bastimenti li joperaw esklussivament f'ilmijiet interni;

(b) ir-referenzi magħmula fl-Artikolu 38 għall-ambjent tal-baħar għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-ambjent fejn jopera l-bastiment tas-sajd f'ilmijiet interni.”;

(7) l-Artikolu 55 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 55

### Miżuri tas-saħħa pubblika

1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-iskemi ta' kumpens li ġejjin:

(a) kumpens lil dawk li jrabbu l-molluski għas-sospensjoni temporanja tal-ġbir tal-molluski li jkunu qed irabbu, fejn tali sospensjoni sseħħ biss għal raġunijiet tas-saħħa pubblika;

(b) l-ġhoti ta' kapital operatorju u kumpens lill-akkwakulturisti.

Il-kumpens imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu jista' jingħata għas-sospensjoni temporanja jew għat-tnaqqis tal-produzzjoni u tal-bejgħ jew għall-ispejjeż addizzjonali ta' ħżin li jseħħu bejn l-1 ta' Frar u l-31 ta' Diċembru 2020 minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19.

2. L-appoġġ taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 jista' jingħata biss fejn is-sospensjoni tal-ġbir tal-molluski minħabba li jkunu kkontaminati sseħħ minħabba l-proliferazzjoni tal-plankton li jipproduċi t-tossini jew minħabba l-preżenza ta' plankton li jkun fih il-bijotossini, u dment li:

(a) il-kontaminazzjoni ddum iktar minn erba' xhur konsekuttivi; jew

(b) it-telf li s-sospensjoni tal-ġbir twassal għalih ikun jammonta għal iktar minn 25 % tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkulat abbażi tal-fatturat medju ta' dak in-negozju matul it-tliet snin kalendarji ta' qabel is-sena li fiha jkun ġie sospiż il-ġbir.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli speċjali għall-kalkolu fil-każ ta' kumpaniji li jkollhom inqas minn tliet snin ta' attività.

3. It-tul ta' żmien li għalih jista' jingħata l-kumpens taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun ta' mhux aktar minn 12-il xahar matul il-perjodu kollu tal-programmazzjoni. F'każijiet debitament iġġustifikati, dan jista' jiġi estiż darba għal perjodu massimu ta' 12-il xahar ieħor, sa perjodu massimu ta' 24 xahar b'kollox.

F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 65(9) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u b'deroga mill-ewwel subparagrafu tiegħu, l-infiq għall-operazzjonijiet li jingħataw appoġġ taħt il-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun eliġibbli mill-1 ta' Frar 2020.”;

(8) fl-Artikolu 66, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3. L-appoġġ mogħti lil kull organizzazzjoni tal-produtturi kull sena taħt dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż it-12 % tal-valur annwali medju tal-produzzjoni li dik l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun qegħdet fis-suq matul it-tliet snin kalendarji ta' qabel. Fil-każ ta' organizzazzjoni tal-produtturi li tkun għadha kif ġiet rikonoxxuta, dak l-appoġġ ma għandux jaqbeż it-12 % tal-valur annwali medju tal-produzzjoni li l-membri ta' dik l-organizzazzjoni jkunu qiegħdu fis-suq matul it-tliet snin kalendarji ta' qabel.

4. L-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti pagament bil-quddiem ta' bejn 50 % u 100 % tal-appoġġ finanzjarju wara li l-pan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni jiġi approvat skont l-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013.”;

(9) fl-Artikolu 67, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Fejn ikun meħtieġ li tiġi indirizzata t-tifqigħa ta' COVID-19, il-FEMS jista' jappoġġa kumpens li jingħata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu rrikonoxxuti u li jaħżnu prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 jew prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0302 kif elenkati fil-punt (a) tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, dment li dawk il-prodotti jinħażnu skont l-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament, u bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont tal-għajnuna għall-ħżin ma jkunx jaqbeż l-ammont tal-ispejjeż tekniċi u finanzjarji tal-azzjonijiet meħtieġa għall-istabbilizzazzjoni u għall-ħżin tal-prodotti kkonċernati;

- (b) il-kwantitajiet eliġibbli għall-għajnuna għall-ħżin ma jkunux jaqbz u l-25 % tal-kwantitajiet annwali tal-prodotti kkonċernati li l-organizzazzjoni tal-produtturi tqiegħed għall-bejgħ;
- (c) l-appoġġ finanzjarju kull sena ma jkunx jaqbeż l-20 % tal-valur annwali medju tal-produzzjoni li l-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi jkunu qiegħdu fis-suq fil-perjodu 2017 sal-2019.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, fejn membru tal-organizzazzjoni tal-produtturi ma qiegħed l-ebda produzzjoni fis-suq fil-perjodu mill-2017 sal-2019, għandu jittieħed kont tal-valur annwali medju tal-produzzjoni li tkun tqiegħdet fis-suq fl-ewwel tliet snin tal-produzzjoni ta' dak il-membri.

2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 65(9) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u b'deroga mill-ewwel subparagrafu tiegħu, l-infiq għall-operazzjonijiet li jingħataw appoġġ taħt dan l-Artikolu għandu jkun eliġibbli mill-1 ta' Frar 2020.”;

- (10) fl-Artikolu 69, jiddied il-paragrafu li ġej:

“3. Il-FEMS jista' jappoġġa l-għoti ta' kapital operatorju u ta' kumpens lill-impriżi ta' pproċessar fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(1) għall-akkwakulturisti.”;

- (11) fl-Artikolu 70, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-kumpens ta' spejjeż addizzjonali mġarrba mill-operatori fis-sajd, il-farming, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 TFUE.

Il-FEMS jista' jappoġġa wkoll miżuri biex jikkumpensaw għat-telf ekonomiku li jirriżulta mit-tifqigħa ta' Covid-19, b'mod partikolari dak li jirriżulta mid-deterjorament fil-prezz tal-ħut jew minn żieda fl-ispejjeż ta' ħżin.”;

- (12) fl-Artikolu 72, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Istati Membri jistgħu jemendaw il-kontenut tal-pjan ta' kumpens imsemmi fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw tali emendi lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw id-deċiżjoni tagħha dwar jekk tapprovax dawk l-emendi. Fejn l-emendi jikkonċernaw miżuri biex jikkumpensaw għat-telf ekonomiku li jirriżulta mit-tifqigħa ta' Covid-19 taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 70(1), il-Kummissjoni għandha tadotta tali atti ta' implimentazzjoni fi żmien 15-il jum mill-preżentazzjoni tal-emenda. Minkejja l-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw miżuri biex jikkumpensaw għat-telf ekonomiku li jirriżulta mit-tifqigħa ta' Covid-19 għandhom ukoll jistipulaw il-metodi tal-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali u l-metodi ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri.”;

- (13) fl-Artikolu 79, jitħassar il-paragrafu 2;

- (14) fl-Artikolu 94(3), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) 50 % tal-infiq pubbliku eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 33(1), fl-Artikolu 34 u fl-Artikolu 41(2);”;

- (15) fl-Artikolu 95(2), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) l-operazzjoni tkun relatata mal-appoġġ taħt l-Artikolu 33 jew 34 jew mal-kumpens taħt l-Artikolu 54, l-Artikolu 55 jew l-Artikolu 56 jew l-Artikolu 69(3);”.

## Artikolu 2

### Emendi fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013

Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 8(3), jiddied il-punt li ġej:

“(f) jiġġestixxu l-ħżin temporanju ta' prodotti tal-akkwakultura skont l-Artikoli 30 u 31 ta' dan ir-Regolament.”;

(2) l-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 30

### Mekkaniżmu ta' ħżin

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi fil-qasam tas-sajd u tal-akkwakultura jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju għall-ħżin tal-prodotti elenkati fl-Anness II jew tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0302 kif elenkati fil-punt (a) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, sakemm:

- (a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-ghajjnuna għall-ħżin stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*);
- (b) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu qiegħdu l-prodotti fis-suq iżda ma jkunux sabu min jixtrihom bil-prezz skattatur imsemmi fl-Artikolu 31;
- (c) fejn applikabbli, il-prodotti jissodisfaw l-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 33 u jkunu ta' kwalità adegwata għall-konsum mill-bniedem;
- (d) il-prodotti jkunu stabbilizzati jew ipproċessati u maħżuna f'tankijiet jew f'gāgēg, billi jiġu ffriżati, jew abbord il-bastimenti jew f'fācilitajiet fuq l-art, billi jiġu mmellħin, billi jiġu mnixxfen, billi jiġu mmarinati jew, fejn rilevanti, billi jiġu mgħollija u ppasturizzati, kemm jekk il-prodotti jkunu mqattgħin fi fletti, imqattgħin f'biċċiet jew, fejn ikun il-każ, b'rashom maqtugħa, u kemm jekk le;
- (e) il-prodotti tal-akkwakultura ma jinħażnux ħajjin;
- (f) il-prodotti maħżuna jitqiegħdu mill-ġdid fis-suq għall-konsum mill-bniedem fi stadju iktar tard; u
- (g) il-prodotti jibqgħu maħżuna għal mill-inqas ħamest ijiem.

(\*). Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).”;

(3) l-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Qabel il-bidu ta' kull sena, kull organizzazzjoni ta' produtturi tista' tagħmel proposta, b'mod individwali, għal prezz li jiskatta l-mekkaniżmu tal-ħżin imsemmi fl-Artikolu 30 għal prodotti elenkati fl-Anness II jew għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0302 kif elenkati fil-punt (a) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.”;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Fejn Stat Membru ma jkunx stabbilixxa l-prezzijiet skattaturi skont il-paragrafu 4 qabel it-tifqigħa ta' COVID-19, dak l-Istat Membru għandu jstabbilixxi mingħajr dewmien il-prezzijiet skattaturi kkonċernati abbażi tal-kriterji msemmijin fil-paragrafi 2 u 3. Il-prezzijiet għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.”.

### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2020.

Għall-Parlament Ewropew  
Il-President  
D. M. SASSOLI

Għall-Kunsill  
Il-President  
G. GRLIĆ RADMAN